# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.12 a

**Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin!**

**Lezzjoni: 4.12 a - Meta ma naqblux xorta nistgħu nkunu ħbieb**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jifhmu li xi kultant il-ħbieb ma jaqblux.
2. Jagħrfu li għalkemm ma jaqblux xorta jibqgħu juru rispett lejn xulxin.
3. Jirrealizzaw li għalkemm ma naqblux flimkien xorta rridu nirrispettaw lil xulxin.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Starboard presentation
- Taqbila 'Fredu w Ġakki'.
- Taqbila ' Paċi Kulaċi.'
- Clip - Fruit Salad : Episode 5 - Miss Orange and Miss Apple's Big Fight
- Karta ta' Taħriġ 4.7
- Karta Addizzjonali: Meta ma naqblux.....

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tgħid l-istorja ta' **Fredu u Ġakki** permezz tal-i**Starboard presentation.** Flimkien mal-istorja hemm ukoll t-taqbila (Ara **Niċċelebraw Flimkien**). Din hija storja qasira ta' żewġ subien ħbieb li ġġieldu u wara għamlu ħbieb.Bis-saħħa ta' din l-istorja żgħira, l-għalliema tiġbed l-attenzjoni tat-tfal illi xi kultant il-ħbieb jiġġieldu. Imma b'daqshekk ma jfissirx li ser jibqgħu miġġieldin għal dejjem jew inkella li l-ħbiberija tagħhom spiċċat. Xi kultant ma naqblux ma' xulxin u niġġieldu. Imma wara ftit ma nibqgħux irrabjati u nerġgħu nagħmlu ħbieb.



## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Kompli l-lezzjoni billi tistaqsi: "Għaliex xi kultant niġġieldu?"
- Uri l-**Presentation, fejn** it-tfal jaħsbu f'raġunijiet għalfejn tfal żgħar bħalhom jiġġieldu: eż. Jimbuttaw, imissu lil xulxin, jieħdu l-affarijiet ta' xulxin, iqabbżu, jaqtgħu lil xi ħadd barra mil-logħob eċċ. Fil-**Presentation** wieħed isib 6 kawżi differenti ta' ġlied fost it-tfal żgħar. Kull stampa għandha bużżieqa tat-taħdit, bi frażi ċkejkna komuni f'ħalq it-tfal kull meta jinqala' x'inkwiet fil-klassi.
- Wara kull stampa ddiskuti s-sitwazzjoni mat-tfal.



- Emfasizza li rridu nagħmlu distinzjoni bejn inċident jew jekk azzjoni saritx apposta. Kif ukoll li ħafna drabi dawn ikunu kawżi mhux daqstant serji u m'għandniex għalfejn niġġieldu. Pero' l-għalliema għandha tiftaħ għajnejn it-tfal li jekk wieħed iħoss li ċertu azzjonijiet saru apposta jew inkella xi ħadd qed idejjaqhom b'mod ripetut, it-tfal għandhom jitkellmu ma' xi ħadd kbir (ġenituri, għalliema, guidance teacher eċċ). Dan biex it-tfal jagħrfu ma jkunux passivi meta xi ħadd ikun qed jibbuljahom jew jabbuża.

- Uri permezz tal-presentation u asal pass ieħor billi tistaqsi: "X'nagħmlu meta niġġieldu?" Isħaq dwar ċerta imġiba li żżid il-ġlied. Eż.

    - Tgħajjir u kliem ħażin jew li jweġġa'.
    - Ġlied bl-idejn (nagħtu daqqiet bl-idejn/saqajn).
    - Meta wieħed ipattiha jew jagħmel xi vendikazzjoni lura.
    - Nippruvaw inweġġgħu lill-oħrajn (naqbduh minn għonqu eċċ).
    - Wara l-ġlied inxewxu kontra xi ħadd biex jitħalla barra mil-logħob.

- Iddiskuti l-konsegwenzi koroh li għandhom dawn l-azzjonijiet , kif ukoll isħaq li din l-imġiba mhix tajba u lil Ġesù ma' tagħmlux ferħan bina. Anzi Ġesù vera jkun imdejjaq. Minn taħt il-kaxxa tat-titlu, tinkixef stampa li turi lil Ġesù' mdejjaq.

- Uri kif wara li wieħed jiġġieled, anke jekk inkunu għidna jew għamilna affarijiet koroh, wieħed għandu : Jaħfer kif għamel Ġesù, - Jammetti, jiskuża ruħu u jwiegħed li ma jerġax jekk żbalja, jipprova jirranġa u jerġa' jagħmel ħbieb.

- Fakkar kif qabel, fl-antik meta n-nanniet kienu għadhom tfal żgħar, kienu jħobbu jgħidu taqbila żgħira (Paċi Kulaċi) biex Ġesù jgħin lit-tfal li ġġieldu jerġgħu jagħmlu paċi flimkien. B'dan il-mod jidħol ukoll element tradizzjonali/storiku li juri li t-tfal minn dejjem kienu jiġġieldu bejniethom imma b'daqshekk dawk it-tfal xorta kibru ħbieb ta' xulxin.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.7 u wara li jgħaqqdu n-numri jpinġu l-istampa. Jekk trid għandek ukoll **Karta Addizzjonali** li tista' tagħti kopja tagħha lit-tfal jew tipproġettaha fuq IWB u taħdimha mat-tfal. Din tkompli tikkonsolida dak li jkun ingħad fil-lezzjoni u li t-tfal jistgħu jaħdmu.
- Ikkonkludi billi t-tfal jistgħu jaraw l-istorja Fruit Salad **: Episode 5 - Miss Orange and Miss Apple's Big Fight** minn fuq You Tube. (Ara **Niċċelebraw Flimkien**)

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Huwa normali illi xi kultant ma naqblux. B'daqshekk ma jfissirx li m'għadniex ħbieb.
2. Waqt il-ġlied xorta rridu nġibu ruħna tajjeb. Biex nargumentaw m'għandniex bżonn inweġġgħu jew inpattuha lil ħaddieħor.
3. Wara li niġġieldu niskużaw irwieħna, naħfru u nerġgħu nagħmlu ħbieb.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Kemm hu sew li nġibu ruħna tajjeb ma' kulħadd

Kemm hu sew li nirrispetta lil kulħadd .



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

**Fruit Salad : Episode 5 - Miss Orange and Miss Apple's Big Fight**

http://www.youtube.com/watch?v=cJ94eF2lCgU

**Fredu u Ġakki**

*Għanja titkanta fuq Frere Jacque*

Fredu w Ġakki (2)

Kienu ħbieb (2)

Iżda darba ġġieldu (2)

Daqs il-klieb (2)

Fredu qallu (2)

"Nagħmlu ħbieb!" (2)

U Ġakki aċċetta (2)

U għamlu ħbieb (2)

**Paċi Kulaċi**

*Taqbila antika*

Paċi Kulaċi,

Madonna fuq rasi.

Kristu fuq l-artal,

Ibierek dawn it-tfal .



**Nitolbu**

O Ġesù, nitolbuk biex dejjem ikun hawn

il-paċi fid-dinja u madwarna.

